# QORTI ĊIVILI

# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' nhar il-25 ta' April 2022**

**Rikors Numru : 125/2022 JPG**

**Kawza Numru : 25**

**JC**

**U**

**KZ**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors kongunt ta' JC u KZ datat 3 ta' Marzu 2022, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

*Illi r-rikorrenti JC u r-rikorrenti KZ zzewgu fil-wiehed u ghoxrin (21) t'Ottubru 2017 gewwa r-Rabat Malta, kif jidher fl-att ta' zwieg hawn anness u mmarkat Dokument "A".*

*Illi mill-istess unjoni r-rikorrenti JC u r-rikorrenti KZ ma kellhomx tfal.*

*Illi z-zwieg ta' bejn ir-rikorrenti JC u r-rikorrenti KZ tkisser irrimedjabilment u huma sseparaw legalment in forza ta' kuntratt tal-hamsa u ghoxrin Gunju 2021 fl-atti tan-Nutar Dottor Nathania Tabone (hawn anness u markat Dokument "B").*

*Illi in forza tal-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni, ir-rikorrenti JC u r-rikorrenti KZ irrinunzjaw reciprokament ghad-dritt taghhom ta' manteniment.*

*Illi llum ir-rikorrenti JC u r-rikorrenti KZ ghandhom hajjithom indipendenti minn xulxin u ma hemm ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni taghhom.*

*Illi r-rikorrenti JC u r-rikorrenti KZ qeghdin ukoll jannettu l-affidavit ta' kull wiehed minnhom sabiex jikkonfermaw il-fatti kollha hawn imsemmija, dokumenti hawn annessi u mmarkati bhala Dokument "C" u Dokument "D".*

*Illi konsegwentement jikkonkorru l-elementi kollha mehtiega skond l-artikolu 66B tal-Kodici Civli, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta ghall-pronunzjament tad-divorzju bejn ir-rikorrenti JC u r-rikorrenti KZ.*

*Ghaldaqstant, ir- rikorrenti JC u r-rikorrenti KZ jitolbu bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tippronunzja d-divorzju u l-hall taz-zwieg taghhom a tenur tal-Artikolu 66A tal-Kodici Civili tal-Ligijiet ta' Malta, u dan taht dawk il-provvediment li din l-Onorabbli Qorti jidrilha xieraq u opportun.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat in-nota konguntiva tal-partijiet datata 23 ta' Marzu 2022 li biha stiednu lill-Qorti tghaddi ghas-sentenza.

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**JC xehdet** (vide affidavit, fol 13) illi l-kontendenti zzewgu nhar il-21 ta' Ottubru 2017 u li minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal. Sostniet illi filfatt dan iz-zwieg ma rnexxiex u l-kontendenti sseparaw legalment permezz ta' kuntratt ippubblikat minn Nutar Dr Nathania Tabone nhar il-25 ta' Gunju 2021. Iddikjarat illi ilhom ma jirrisjedu flimkien sa minn Marzu 2019 u qatt ma kien hemm rikonciljazzjoni bejniethom u lanqas ma hemm tama tal-istess. Xehdet illi ma hemm ebda

manteniment dovut bejn il-partijiet.

**KZ** xehed (vide affidavit fol 14) u kkonferma u kkorrabora dak li xehdet martu.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***
>
> ***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***
>
> ***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***
>
> ***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentemet pprovat illi il-kontendenti kienu zzewgu nhar il-21 ta' Ottubru 2017, liema zwieg igib c-certifikat numru 3340/2017 (Vide certifikat taz-zwieg fol 2). Minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dottor Nathania Tabone nhar il-25 ta' Gunju 2021 (vide kuntratt ta' separazzjoni fol 3 et seqq.) Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Jirriżulta ukoll illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 3340/2017 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jigu divizi bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**